# Bord Li Jirregola l-Kera

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru: 421/21 LC**

**Fl-atti tar-Revoka tal-Mandat ta'  Sekwestru Nru 1119/2021 fl-ismijiet:**

**Portem Tourism Ventures Ltd (C68829)**

**Vs**

**Edward sive Teddy Calleja (KI 432870M) u**
**Avukat Dottor Leontine Calleja (KI272169M)**

Illum, 2 ta' Settembru 2021

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Edward sive Teddy Calleja u Dr Leontine Calleja ippreżentat nhar is-26 ta' Awwissu, 2021 fejn, wara li ppremettew illi "*meta marret il-Marixxal Sandra Grech biex tikkonsenja l-att fl-indirizz imsemmi, fetħitilha omm Mark Anthony Portelli li l-ewwel qaltilha li ma tkellimx lil binha, imbagħad ċemplitlu hi stess quddiem il-marixxal u wara li talab li jkun jaf x'kienu l-atti, direttament irrifjuta li jaċċetta n-notifika tagħhom*", talbu, prevja jekk ikun il-każ li jisma' lill-uffiċjali tal-Qorti, jiddikkjara li s-soċjeta sekwestranti kienet notifikata bir-Rikors Revoka tal-esponenti nhar il-Gimgħa 20 ta' Awwissu fis-1.30pm;

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors odjern  in sostenn tat-talba tar-Rikorrenti;

Ra d-diversi tentattivi ta' notifika tas-soċjeta Portem Tourism Ventures Ltd kif jirriżultaw mill-varji riferti fl-atti proċesswali;

Ra r-riferta dettaljata tal-Marixxal Sandra Grech datata l-20 ta' Awwissu 2021;

Sema' lill-istess Marixxall Sandra Grech u l-Marixxal Carmen Pisani waqt is-seduta tal-1 ta' Settembru 2021;

Ra l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkonsidra,

Illi dan huwa rikors fejn il-Bord qed jintalab jiddikkjara li s-soċjeta Portem Tourism Ventures Limited bħala li ġiet notifikata bir-rikors għar-Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1119/2021, datat it-30 ta' Lulju 2021;

Illi a tenur ta-tieni proviso tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord żamm seduta nhar l-1 ta' Settembru 2021 sabiex jisma lill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti;

Illi fix-xhieda tagħha, il-Marixxal Sandra Grech ikkonfermat il-firma u l-kitba tar-riferta bħala tagħha. Spjegat li dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2021 hi saqsiet lill-persuna li fetħet il-bieb tal-indirizz f'Pembroke għandiex lil xi ħadd ta' Portem Tourism Ventures Limited u dik il-persuna ikkonfermat li kellha lil binha, li jismu Mark-Anthony Portelli. Hi qalet għall-ewwel li ma tkellimx lil binha u li ma joqgħodx hemmhekk. Ix-xhud spjegat li dak il-ħin ommu għamlet żewġ tentattivi biex iċċempillu, bgħatitlu messaġġ mill-mobile tagħha u wara ftit sekondi hu ċempillha fuq il-mobile. Ommu spjegatlu li hemm il-Marixxalli u fuq talba tal-Marixxal ommu tefgħet it-telefonata fuq *speaker phone* biex il-Marixxal setgħet tisma u tkellem direttament lil Mark-Anthony Portelli. Minn fuq il-mobile, hu talab lill-Marixxal ittiħ id-dettalji tal-ewwel żewġ paġni tal-atti però l-Marixxal saqsietu jekk iridx jieħu n-notifika tal-atti. Hu qalilha li ma jridx u qal lill-ommu biex ma taċċettaħhomx għax hekk jew b'hekk l-ID Card mhux qegħda fuq hemm. Il-Marixxal Grech qalet ukoll li saqsietu jekk kienx fl-akkwati biex filkas tistennieħ iżda hu qalilha li kien qiegħed Għawdex. Dan id-diskors sar mill-istess Mark-Anthony Portelli fuq it-telephone fil-preżenza tal-Marixxal Carmen Pisani, li wkoll fix-xhieda tagħha kkonfermat dan kollu bil-ġurament tagħha;

Ikkonsidra,

Illi fl-ewwel lok, il-Bord jinnota li hekk kif jirriżulta mill-estratt tar-Reġistru Pubbliku tas-Soċjetajiet Kummerċjali, l-indirizz tas-soċjeta Portem Tourism Ventures Ltd jinsab fil-Belt Valletta. Ir-rikorrenti ittentaw jinnotifikaw lis-soċjeta fl-24 ta' Awwissu 2021, iżda mingħajr suċċess peress li "ma fetaħ ħadd". Il-Bord jinnota li dan it-tentattiv seħħ erbat' ijiem <u>wara</u> li l-Marixxalli kkomunikaw ma' Mark-Anthony Portelli tramite t-telefon ċellulari ta' ommu fejn irrifjuta li jirċievi l-atti u b'hekk il-Bord jifhem li hu kien ben konsapevoli tat-tentattivi tan-notifika.

Illi mid-dokumenti eżebiti mar-rikors promotur jirriżulta li l-istess Mark-Anthony Portelli huwa kemm direttur uniku, *judicial representative* kif ukoll segretarju tas-soċjeta Portem Tourism Ventures Ltd. Illi l-Artikolu 187(4)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li n-notifika ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-Artikolu 181A(2), ossija, *inter alia*, lill-

persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija.

Illi b'hekk, il-Bord huwa sodisfatt illi Mark-Anthony Portelli huwa *ex lege* awtorizzat sabiex jirċievi n-notifiċi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Portem Tourism Ventures Ltd in vista tal-pożizzjoni tiegħu fi ħdan l-istess soċjetà.

Illi stabbilit dan, il-Bord irid jgħaddi biex jeżamina jekk ir-rifjut tal-istess Mark-Anthony Portelli, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta sekwestranta huwiex ġustifikat ai termini tal-liġi. Illi t-tieni proviso tal-Artikolu 187(3) jistipola li

> *"Iżda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċiviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*"

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta ampju li l-Marixxal kellmet personalment lir-rappreżentant tas-soċjetà Portem Tourism Ventures Limited u dan, da parti tiegħu, irrifjuta li jaċċetta n-notifika. Hu saħansitra ta struzzjonijiet lill-ommu biex tagħmel l-istess. Illi b'hekk, il-Marixxal Sandra Grech ma kellha ebda għażla oħra għajr li tagħmel riferta negattiva tan-notifika tar-rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru, tad-Digriet tad-9 ta' Awwissu 2021 u ta l-Avviz tas-smiegħ, kif del resto jirriżulta mill-istess riferta fuq wara ta' fol 92.

Illi mix-xhieda tal-Marixxal jirriżulta li hi ġiet mitluba, sija minn Mark-Anthony Portelli u sija minn Ommu, sabiex jaraw l-ewwel paġni tal-att ġudizzjarju li tiegħu kellha ssir in-notifika. Dwar dan, il-Bord ma jistax ma jikkummentax li n-notifika ta' att ġudizzjarju m'hijiex diskrezzjonali fuq id-destinatarju jekk jagħżilx li jaċċetta tali att jew le. Ladarba l-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti jsib, jew jikkomunika, mad-destinatarju tan-notifika, allura d-destinatarju għandu jaċċetta tali att. Jekk id-destinatarju ma jaċċettax tali notifika, allura jiskatta d-dispost tat-tieni proviso tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 fejn il-Liġi tippermetti li d-destinatarju jitqies li ġie notifikat minkejja r-rifjut tiegħu;

Illi miċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, il-Bord huwa tal-fehma li l-estremi rikjesti mit-tieni proviso tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti f'dan il-każ;

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jilqa' t-talba kif dedotta u jiddikjara li s-socjetà Portem Tourism Ventures Ltd ġiet debitament notifikata bl-atti tar-rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kif ukoll bid-Digriet tad-9 ta' Awwissu 2021 u l-Avviz tas-smiegħ fl-20 ta' Awwissu 2021 għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi filwaqt li jordna l-prosegwiment tas-smiegħ tar-rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru nru 1119/2021 u jiddiferixxi s-smiegħ għas-16 ta' Settembru 2021 fid-9.15am.

Il-Bord jordna wkoll li dan id-Digriet jiġi notifikat lill-partijiet.

L-ispejjeż tal-preżenti rikors suġġett ta' dan id-Digriet huma a karigu tas-soċjeta' Portem Tourism Ventures Limited.

**Dr. Leonard Caruana**
Maġistrat

**Maria Grech Cardona**
Deputat Reġistratur